**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 5 ta' Awwissu 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento – Sindku
Xandru Mallia – Viċi Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Nicholai Falzon - Kunsillier
Jurgen Abela - Kunsillier
Fiona Borg Lewis - Kunsillier
Marvin Zammit - Kunsillier
Alessio Decarlo - Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Daniel Ablett - Kunsillier
Elke Cassar Sghendo - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**19.1 TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa bit-talba tradizzjonali.

**19.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillieri Daniel Ablett u Elke Cassar Sghendo ma setgħux jattendu għas-seduta minħabba impenji oħra.

**19.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 18**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 18 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**19.3.1 Emendi fil-minuti**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li fil-Minuti 18.7 għandu jiżdied il-kliem "Il-Kunsilliera għandhom jibgħatu is-suġġerimenti tagħhom bil-lokazzjonijiet fejn japplikaw"

**19.4 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2025.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2025 u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Lulju 2025.

**19.5 Kommunikazzjoni tas-Sindku**

**19.5.1 Ħinijiet tal-ġbir ta' skart**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li f'Seduta Nru 18 il-Kunsill iddiskuta il-ħinijiet tal-ġbir ta' skart u ġie maqbul li tittella' post fuq il-medja soċjali sabiex ir-

residenti ikunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom, deher biċ-ċar li ir-residenti jixtiequ li is-servizz jibda isir filgħaxija.

Saret diskussjoni bejn il-membri u qablu li il-Kunsill jipproponi sabiex il-ġbir ta' skart jibda fit-8 ta' filgħaxija.

**19.5.2 Group Life Policy 2025 - 2026 għal Membri Eletti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed toffri Group Life Policy għal-Membri Eletti li għadhom ma għalqux is-70 sena. Din il-life policy titħallas mill-Kunsill u hija għall-ħlas ta' €65 kull membru elett taħt is-70 sena.

Din il-polza tagħti benefiċċju ta' €30,000 lill-qraba f'każ li Membru Elett jiġi nieqes meta jkun fil-kariga u kemm il-darba din il-polza tkun għadha qed titħallas. Il-kopertura hija waħda 24/7 u li tkopri l-pajjiżi kollha, bl-esklużjoni ta' validità ta' mewt u ma tkopriex gwerrer u terroriżmu fost l-oħrajn.

Il-membri preżenti qablu unanimament li din il-Group Life Police titħallas.

**19.5.3 Żewġ toqbiet għal-arbli fil-Ġnub tal-Kappella ta' San Franġisk**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri għamlet talba sabiex fil-ġnub ta' Pjazza San Franġisk isiru żewġ toqob ta' 8 pulzier diametru, dawn sabiex jkunu jistgħu jintużaw għal festa ta' San Ġorġ bħala parti mill-armar. Dan qed jiġi ssuġġerit ukoll sabiex jiġu evitati li jinkrew dawk il kubetti tal-konkos ta' kull sena, li sena wara oħra qed jkollhom problema sabiex jinġabru mill-kuntrattur li jipprovdihom. Dan għal-inkonvjenza tar-residenti ta' l-istess zona.

Il-membri preżenti qablu unanimament li isiru dawn iż-żewġ toqbiet fi Pjazza San Franġisk.

**19.5.4 Pelican Lights fi Triq Mdina fejn Dar Pinto**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li irċieva din il-korrispondenza mingħand il-Perit Sarah Pace minn Infrastruttura Malta rigward it-talba tal-Kunsill Lokali Hal Qormi sabiex isiru Pelican Lights ftit l-isfel minn Dar Pinto.

***"Further to the below and following discussions between TM and IM, kindly note that the new proposal put forward by the LC for a pelican crossing just off the corner with Trejqet ta' Pascarella has been reviewed.***

***Whilst being at a distance of 201m from the existing pelican crossing located at the junction with Triq Ġużè Ellul Mercer, it is at 149m from the existing zebra crossing located just off the junction with Triq Santa Katerina. (We understand that the existing zebra crossing located off Dar Pinto will be removed.)***

***In this regard, the new location is not recommended to be implemented in view of it being in close proximity to an existing crossing."***

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li dan ifisser li minħabba li hemm zebra crossing ftit l-isfel minn Triq Santa Katarina, ma jistgħux isiru Pelican Lights aktar l-isfel min Dar Pinto.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li iz-zebra crossing li hemm viċin il-kantuniera ma Triq Santa Katerina ma titneħħiex għaliex tintuża minn ħafna tfal li jitilgħu bil-mixi l-iskola tal-Handaq. Iz-zebra crossing li hemm kantuniera ma Triq il-Ġdida ma tistax tiċċaqlaq lanqas għaliex tintuża mir-residenti li jaqsmu biex imorru lejn Triq Guze Duca.

Is-Sindku qal li il-Kunsill għandu jikteb lil-Perit Sarah Pace u jikkopja lil Perit Antionette Conti u jinfurmaha din hija triq arterjali u hemm bżonn li dawn il-pelican Lights isiru minħabba li dawn jintużaw minn dar tal-anzjani, skola u residenti in ġenerali.

**19.5.5 Tender – Collection of Bulky Refuse and WEE for the Hal Qormi Local Council**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li t-tender Collection of Bulky Refuse and WEE for the Hal Qormi Local Council għalqet fit-23 ta' Mejju 2025.

Il-Kunsill rċieva tliet offerti mingħand:
- Simply Clean Ltd - €55,419.00
- R&A Waste Services Ltd - €58,0494.40
- Think Green - €186,950.00

L-evaluation bord qed jirrakkomanda li t-tender tingħata lil Kumpanija Simply Clean Ltd minħabba li kienet l-orħos u l-aktar waħda konformi.

Il-kuntratt se jkun qed jiġi iffirmat għal sena li jista' jiġġedded għal 4 snin.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tivverifika ir-rati mal-bord u id-deċiżjoni tittieħed fis-Seduta li imiss.

**19.5.6 One Way System Triq il-Barrakki**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li Transport Malta approvaw li Triq il-Barrakki terga issir one way bil-kontra.

**19.5.7 Parking Management Triq il-Vitorja faċċata ta' Triq Antonio Muscat Fenech**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li Transport Malta ma aċċettawx il-proposta ta' parkeġġ dijagonali fi Triq il-Vitorja faċċata ta' Triq Antonio Muscat Fenech. Dan minħabba li biex vetturi joħorġu b'lura, ix-xufiera iridu jaraw hemmx vetturi jsuqu warajhom. Din hija ikkunsidrata perikoluża.

Is-Sindku issuġġerixxa li isiru slow Traffic calmers għaliex f'postijiet oħra parkeġġ djagonali ġie approvat.

**19.5.8 CCTV Cameras fi Ġnien De La Cruz u Triq il-Belt Valletta biswit il-5-a-side**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li ġabar kwotazzjoni għal-zewg cctv cameras

De La Cruz - €1688.58
Triq il-Belt Valletta - €999.46

Dawn iż-żewġ kameras tas-sigurta se jkunu bis-sistema imqabbda mal-LESA.

Il-Kunsillier Marvin Zammit talab sabiex il-Kunsill jiġbor kwotazzjoni mingħand żewġ kumpaniji oħra.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jiġbor żewġ kwotazzjonijiet oħra.

**19.6 Ħwejjeġ Oħra**

**19.6.1** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lill-membri illi il-Proġett tal-isport Complex wara il-Monument tal-Gwerra għandu jinżamm on hold minħabba li jista ikun hemm proposti oħra fil-jiem li ġejjin.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li il-Kunsill jistaqsi lill Lands u l-FKNK fuq il-parkeġġ fuq wara tal-isport complex.

**19.6.2** **Il-Vici Sindku Xandru Mallia** informa li fl-10 ta' Lulju 2025 saret laqgħa mas-Supretendent Joseph Busuttil, l-Ispettur Matthew Attard u is-Surġent Maurizio Falzon mill-Community Police.

Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti il-Viċi Sindku u id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ma setax jattendi minħabba impenji personali.

F'din il-laqgħa minn naħa tal-Kunsill issemmew diversi punti fosthom fuq speed eċċessiv f'ċerti zoni, ipparkjar illegali, abbużi fil-ġonna u l-issue ta' mwejjed mingħajr permess quddiem ħwienet tal-ikel.

Is-Supretendent informa li il-pulizija tal-Komunità kienu se joħorġu mic-chat li saret minħabba li il-prassi tal-Pulizija tal-Komunità hija li ic-chat tkun bejn il-Pulizija, Sindku u xi ħadd appuntat minnu li ikun inkarigat mill-infurzar.

Dakinhar stess id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri tal-Kunsill fl-istess chat b'dan il-messaġġ:

"*Wara nofsinhar it-tajjeb. Illum kellna laqgħa mas-Supretendent, Spettur u Surġent tal-Community Police u infurmawna li il-prassi tal-Pulizija tal-komunità hija li iċ-chat tkun bejn il-Pulizija, Sindku u xi ħadd appuntat minnu li ikun In charge mill-infurzar u is-Segretarju Eżekuttiv. Mhux chat bil-membri kollha tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Pulizija tal-komunità se jitilqu min din iċ-chat. Jekk ikollkom xi ilmenti li ikunu urġenti jgħaddu lill-Pulizija tad-distrett u li mhumiex urġenti jintbagħtu permezz ta' email lill Pulizija tal-komunità. Grazzi*"

Għaldaqstant il-Viċi Sindku Xandru Mallia iħeġġeġ sabiex ilmenti jintbagħtu direttament fuq l-email tal-Kunsill u min naħa tal-kunsill dawn jiġu mgħoddija lill Pulizija permezz ta' email uffiċjali.

Wara li saret diskussjoni bejn il-membri is-Sindku Dr Josef Masini Vento talab sabiex ic-chat li hemm mal-Pulizija tal-Komunità issir "view only" u il-Kunsilliera ma jkunux jistgħu jikkumentaw. Is-Sindku saħaq sabiex l-ilmenti għandhom jintbagħtu lill-amministrazzjoni tal-Kunsill u mill-uffiċċju tal-Kunsill l-ilmenti jintbagħtu permezz ta' email lill-Pulizija. Is-Sindku saħaq li f'każi urġenti ir-rapporti għandhom isiru dirett fl-għassa.

**19.6.3** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat li nhar l-Erbgħa 3 ta' Settembru fil-Palazz tal-President, il-Kunsill se jorganizza Serata f'ġieh Gorg Zammit.

**19.6.4** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat li fi 8 ta' Novembru se tiġi organizzata l-attività minn Pjazza għal-Pjazza u tisħaq sabiex il-Kunsilliera kollha ikunu preżenti u jipparteċipaw.

Il-Kunsillier Marvin Zammit issuġġerixxa li dawn l-attivitajiet jintbagħtu permezz ta' calendar invite fuq l-email.

19.6.5 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li flimkien mal-Kunsillier Doris Zammit se tlaqqa l-għaqdiet lokali sabiex jitkellmu fuq l-interess tagħhom biex jipparteċipaw waqt l-attività minn Pjazza għal-Pjazza.

19.6.6 **Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** informa illi ġie avviċinat min TVM sabiex isir programm minn Hal Qormi meta ikun hemm xi attivitajiet fir-raħal, jiltaqgħu mal-baned, iżuru fran, snajjiet etc.

19.6.7 **Il-Kunsillier Alessio Decarlo** talab sabiex it-traffic markings li hemm fi Triq l-Isqof Scicluna kantuniera ma Triq Pinto isiru f'livell għola mit-tarmak.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** infurmat lis-Sur Decarlo li se titlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara pjanta, biex tkun tista' tintbagħat lill Transport Malta għal-approvazzjoni.

19.6.8 **Il-Kunsillier Jurgen Abela** staqsa fhiex waslu it-tabelli ta' fejn il-mużew tas-subien fi triq Santa Katerina,

**Id-Deputat Segretarju Eźekuttiv** infurmat li dawn huma ordnati.

19.6.9 **Il-Kunsillier Jurgen Abela** talab jekk tistax issir zebra crossing bejn Triq il-Vitorja u Triq Pinto fil-kantuniera.

Is-Sindku informa lis-Sur Abela li zebra crossings fil-kantuniera ma jiġux approvati minn Transport Malta.

19.6.10 **Il-Kunsillier Jurgen Abela** staqsa fhiex waslu il-parkeġġi li se jsiru fi Pjazza San Franġisk kif diskuss f'seduti preċedenti.

**Id-Deputat Segretarju Eźekuttiv** infurmat li dawn huma imniżżla fil-lista tax-xogħlijiet.

19.6.11 **Il-Kunsillier Jurgen Abela** staqsa fhiex waslu il-parkeġġi li kellhom jinżebgħu fejn il-Bottega fi Triq il-Kbira.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat li dawn huma imniżżla fil-lista tax-xogħlijiet.

19.6.12 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li bejn dawk il-parkeġġi għandhom isiru planters bis-siġar.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** talbet lis-Sinjura Borg Lewis sabiex tgħaddilha pjanta fejn qed tissuġġerixxi li isiru dawn il-planters.

19.6.13 **Il-Kunsillier Ralph Puli** qed jitlob lill-Kunsill sabiex jitlob lill-Infrastruttura Malta meta u fejn se jsiru toroq u jikkonsultaw mal-Kunsill minn fejn se jibdew.

Is-Sindku saħaq li il-Kunsill qatt ma kien infurmat uffiċjalment li ix-xogħlijiet fi Triq San Bastjan mhux se jsiru u kien permezz tal-media soċjali li il-Kunsill sar jaf.

Is-Sindku issuġġerixxa li mhux biss tinkiteb ittra uffiċjali iżda din għandha titella fuq il-paġna tal-media soċjali tal-Kunsill.

19.6.14 **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa fhiex wasal il-pjan tal-footbridge li kellu jsir faċċata ta' fejn kienet l-Invicta fi Triq San Bastjan u iż-żebra crossing fl-istess area.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat lis-Sur Puli li il-Kunsill għandu il-pjanti ta' dan il-bridge, iżda iż-żebra crossing għadha ma saritx minħabba li iridu jaqsmu bl-elettriku minħabba id-dawl tal-Belisha Lights. Għaldaqstant il-Kunsill kien qed jippjana li dan ix-xogħol isir meta tkun qed tingħata Triq San Bastjan. Dan minħabba li fl-aħħar pjan ta' Triq San Bastjan il-Kunsill kien imwiegħed minn Infrastruttura Malta li it-triq se tingħata tarmak sar-roundabout ta' Pinto.

Is-Sindku issuġġerixxa li il-Kunsill jibda immedjatament ix-xogħol fuq il-footbridge u talab lill-membri l-approvazzjoni tagħhom.

Il-membri kollha preżenti qablu li jibdew ix-xogħlijiet fuq il-footbridge fi Triq San Bastjan.

19.6.15 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** informa lill-Kunsill li il-GAL Xlokk se joħroġ xi skemi u se jibda konsultazzjoni fuq dawn il-fondi aktar tard f'Awwissu.

**19.6.16** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa domanda fuq il-Presepju fi Ġnien De La Cruz u staqsa jekk tistax issir konsultazzjoni biex jerġa jinfetaħ.

Is-Sindku informa lis-Sur Zammit li skond ir-rapport tal-Health & Safety officer, li diġà ġie ippreżentat quddiem il-Kunsill dak il-post ma jistax jinfetaħ għal-pubbliku minħabba il-periklu li hemm u qatt ma kellu ikun post fejn jidħol il-pubbliku fih.

**19.6.17** **Il-Kunsillier Nicholai Falzon** informa lill-membri li id-Diskussjoni iż-Żgħażagħ u il-Politika ser issir fis-17 ta' Ottubru 2025 u issa imiss li issir f'Hal Qormi.

**19.6.18** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** informat lill-membri li flimkien mas-Sindku kienet preżenti online għas-seduta tal-Planning Authority li iddiskutiet iż-żona fi Triq il-Belt Valletta fejn il-Karkanja talbu li minn żona industrijali tinqaleb għal-żona "Mixed Use" . Waqt din il-laqgħa is-Sinjura Borg Lewis infurmat lill-bord li fis-Seduta preċedenti tal-Kunsill ġie diskuss dan l-iżvilupp u il-kunsill qabel li iż-żona industrijali tonqos, jiżdied in-numru ta' parkeġġ u li it-triq li issemmiet fuq in-naħa ta' wara ma għandiex tinfetaħ għal ġol-wied.

Is-Sinjura Borg Lewis infurmat illi ic-chairman tal-Executive Council tal-Awtorità tal-Ippjanar ikkonferma li it-triq qeda sular għola mill-wied u mhux se tinfetaħ għal ġol-wied. Ġie ikkonfermat ukoll li iż-żona se tinbidel mixed use Class 4A u 4B, stabbilimenti kummerċjali u uffiċini iżda mhux se jkun hemm mħażen industrijali. Se jsir passaġġ bejn il-binja eżistenti u il-binja li ser issir.

**19.6.19** **Il-Kunsillier Jurgen Abela** staqsa jekk il-Kunsill hux infurmat jekk hux se jinfetaħ xi aċċess għal ġol-wied minn binja li qed tinbena fi Triq il-Mitħna eżatt kif taqbeż il-bridge

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat lis-Sur Abela li il-Kunsill mhux infurmat b'dan.

**19.6.20** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** informat li Indis se jibgħatu il-maintenance agreement ta' Ġnien Federico Maempel fil-ġranet li ġejjin u se jkun b'effett minn meta jitlesta il-ġnien. Is-Sinjura Borg Lewis hija infurmata illi ix-xogħlijiet fuq Ġnien Federico Maempel għandhom jitlestew fi żmien tmien xhur.

**19.6.21** **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** informat li l-Arcipriet ta' San Gorg qed jiċċekkja mal-electrician tiegħu rigward il-vultaġġ baxx fl-akwata tal-knisja. Is-Sinjura Borg Lewis tkellmet mac-chairman tal-Enemalta u qed tistenna it-technical report mingħand l-arċipriet biex tkun tista' tippreżentah lill-Enemalta.

**19.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***16 ta' Settembru 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |